# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 8/2022

14 ta' Lulju, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**8.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet ser tattendi għal laqgħa aktar tard. Hija ġiet skużata.

**8.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.1.1 Is-Sindku qal li l-ewwel kien ser jagħti update ref fuq punt 7.4 (Festa) allavolja kienet ser tigi diskussa aktar tard fil-laqgħa. Is-Sindku spjega li l-każin kienu qed jitolbu li Triq il-Kuċċard tingħalaq għat-traffiku fil-ġimgħa tal-festa. Is-Sindku spjega kif kienu ser jiġu d-devjazzjonijiet. Il-Kunsill iddiskuta r-rotta alternattiva kif ser ikun iddevjat it-traffiku u l-karozzi tal-linja u qabel li jekk 'il quddiem tingħalaq Vjal ix-Xarolla imbaghad naraw xi tkun l-aħjar soluzzjoni għat-traffiku.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill setax ikun jaf xi pjanijiet kien hemm kif kienu ser isiru x-xogħolijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kinux ser jibdew ix-xogħolijiet tal-culverts fi Triq l-Iskola ukoll fil-futur qarib.

Is-Sindku spjega li x-xogħolijiet fi Vjal ix-Xarolla kienu qed jiġu sorveljati mis-*Supretendent for Cultural Heritage* li kienu għadhom iridu jikkonfermaw kif ser ikomplu bix-xogħolijiet tal-culverts, u kkonferma li l-xogħolijiet fi Triq l-Iskola kienu ser isiru ukoll fil-viċin.

8.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 7.1.3 ix-xtabi fi Gnien Sir Alexander Ball kienu twaħħlu.

8.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 7.1.2 it-tisqija fi Gnien t'Amparell kien sar xi jiem qabel il-laqgħa.

8.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 7.1.6 il-Kunsill kellu jagħmel xi bollards f'Misraħ San Ġużepp. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien talab kwotazzjoni mingħand il-Kuntrattur tal-Kunsill għaliex il-ħaddiema tal-Kunsill ma kellhomx l-għodda addatata biex isir ix-xogħol ta' tqattih biex jeħlu l-bollards.

8.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 7.2.7 kien sar meeting ma' Transport Malta minħabba l-kwistjoni tat-trasport pubbliku sakemm isiru x-xogħolijiet fi Vjal ix-Xarolla. Huwa spjega li kienu tneħħew xi parkeġġi fi Triq Dun Karm Lia u issa jidher li s-sitwazzjoni kienet tranġat.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kien possibbli li jsiru *bus shelters* temporarji sakemm isiru x-xogħolijiet fi Vjal ix-Xarolla.

Is-Sindku qal li meta t-trasport pubbliku jiġi devjat lejn Triq il-Kuċċard, il-Kunsill ikollu problema anke biex isiru t-*temporary bus stops*.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa lis-Sindku jekk kienx ra ref punt 7.3.5 (tabella fi Triq San Ġwann). Is-Sindku kkonferma li kien mar jara t-tabella u l-Kunsill iddiskuta kif u fejn l-aħjar isiru t-tabelli.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 17.29

8.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 7.3.7 (funtana fi Triq il-Karwija) l-inġinier kien bidel *it-timing* u għalhekk issa l-funtana kienet qegħda titfa' l-ilma minn żewġ postijiet. Il-Kunsill iddiskuta n-nixxiegħa tal-funtana u qabel li din għandha terġa' tinqaleb għal ħin tax-xitwa.

**8.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.2.1 Is-Sindku spjega li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa minħabba l-kwistjoni ta' relokazzjoni tal-iskola Primarja ta' Ħal Għaxaq fl-iskola ta' Ħal Safi. Is-Sindku spjega li meta saret din il-laqgħa kienet diġa' ttieħdet id-deċiżjoni finali. Is-Sindku ta d-dettalji lill-Kunsill u spjega li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex it-tfal ta' Ħal Għaxaq jagħmlu użu mill-grawnd tal-futbol u talba ukoll biex it-tfal ta' Ħal Safi jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li huwa kien talab li jsir risk assessment u jekk ikun hemm bżonn li jsiru xi modifikazzjonijiet dawn għandhom isiru minn naħa tad-dipartiment tal-Edukazzjoni u importanti li jsir *agreement* bil-miktub li jispeċifika li l-Kunsill mhux ser ikun responsabbli jekk iweġġa' xi ħadd kif ukoll li meta jispiċċa l-proġett jinbidel it-turf sintetiku tal-grawnd tal-futbol.

8.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu meeting ieħor ma Transport Malta fejn il-Kunsill issottometta l-proposti tar-rotot l-ġodda tal-karozzi tal-linja. Is-Sindku spjega li l-proposti li kien ippropona l-Kunsill ma ntlaqgħux minn naħa ta' Transport Malta u għalhekk il-Kunsill kellu jerġa' jagħmel proposti ġodda. Is-Sindku qal li minħabba f'hekk il-Kunsill kien reġa' talab lill-Perit biex isiru rotot alternattivi. Is-Sindku għadda kopja tar-rotot alternattivi lill-Kunsilliera. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li r-rotot 71 u 117 kif joħorġu minn Triq l-Iskola jgħaddu lejn il-pjazza u jibqgħu bir-rotta eżiżtenti filwaqt li r-rotot 73 u 218 kif joħorġu minn Triq l-Iskola jgħaddu lejn l-mitħna tax-Xarolla u jinżlu minn Triq Barcellona lejn Triq il-Kuċċard. Il-Kunsill qabel ukoll li l-parti tar-rotta ta' Triq Ta' Rqajja ma ssirx minħabba diffikultajiet li jistgħu jkollhom il-karozza meta jiġu biex joħorġu fi Triq il-Karwija.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ġie skużat mil-laqgħa 18.22.

8.2.3 Is-Sindku qal li dik kien attenda laqgħa mal-Enemalta minħabba l-problema tad-dawl li tinsab f'ċertu lokalitajiet. Huwa qal li x-xogħolijiet biex jinbidlu l-cables tad-dawl kienu ser jibdew fil-viċin. Is-Sindku għadda l-pjanta ta' kif kienu ser jgħaddu l-cables lill-kunsilliera. Is-Sindku qal li peress li kienu ser isiru xogħolijiet fi Triq Santa Marija ukoll kien talab garanzija li l-pavimentar jerġa' jiġi kif inhu inkella ma jmissu xejn. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur kien qed jagħtina din il-garanzija. Is-Sindku assigura lill-Kunsill li jekk jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi peress li l-proġett kien qed jiġi monitorat minn naħa tal-*Supretendent for Cultural Heritage* kienu ser jgħattu bil-pjanċi sabiex tkun tista' ssir il-festa.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien preżenti għal-laqgħa 18.26.

8.2.4 Is-Sindku qal li wara l-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru Owen Bonniċi kien tkellem mal-Kappillan fuq iċ-Ċentru Parrokkjali. Is-Sindku spjega li kienet saret laqgħa fiċ-Ċentru li għaliha attenda l-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi u qablu li x-xogħolijiet tal-bitħa isiru mill-Public Works filwaqt li r-restawr tal-parti l-antika ssir mid-direttorat tar-restawr.

8.2.5 Is-Sindku qal li l-kunċert organizzat minn Sine Macula fi Ġnien Sir Alexander Ball kien sar nhar il-Ġimgħa 8 ta' Lulju u kienu attendew numru sabiħ ta' nies.

Il-Kunsill waqaf mil-laqgħa sabiex attenda għal laqgħa mal-Onorevoli Perit Toni Bezzina.

8.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qabel li jsiru tlett bollards f'Misraħ San Ġużepp. Huwa għadda l-istima tax-xogħol biex jitħaffru t-toqob għall-istess bollards lill-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta u qabel mal-kwotazzjoni.

8.2.7 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-ġiebja ta' Ġnien Sir Alexander Ball kienet spiċċat bla ilma. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li minħabba t-tisqija fix-xhur sħan tas-sajf nimlew il-ġiebja bħal ma kien sar is-sena ta' qabel.

8.2.8 Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex issir mera fl-aktar parti dejqa fl-area Ta' Ġawhar. Is-Sindku spjega li jekk il-mera ssir fit-triq żgur li joltqutha l-karozzi għalhekk kien talab permess minn sid l-għalqa sabiex jekk ma jsibx oġġezzjoni l-mera teħel fl-għalqa tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din it-talba dejjem jekk jaċċetta sid l-għalqa.

8.2.9 Is-Sindku qal persuna minn Misrah San Ġużepp qabel ma ddur għal Triq San Ġorġ kienet qed titlob jekk jistax isir xi ħaġa peress li l-karozzi kienu qed jolqtulu l-faċċata. Is-Sindku spjega liema fejn kienet id-dar speċifika u ssuġġerixxa li ssir qisha kurduna mhux bankina għaliex it-triq kienet dejqa ħafna. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li l-aħjar li nieħdu parir minn Transport Malta sabiex naraw x'inhi l-aħjar soluzzjoni.

8.2.10 Is-Sindku qal li dak inhar tal-laqgħa kienu daħlu kienu daħlu żewġ inizjattivi li l-Kunsill kien jinħtieġ jiddiskuta u japprova biex il-Kunsill ilaħħaq mad-data tal-għeluq.

**SPI/SCI/07/2022 Espressjoni ta' Interess Clean Up the Workd Campaign 2022**

Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva' u qabel li bħal snin preċidenti l-Kunsill jerġa' japplika sabiex isir tindif fl-Area ta' Ħlantun, Triq it-Torri ta' Gawhar u Triq San Anton.

**SPI/SCI/08/2022 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022**

Is-Segretarju qrat l-email li l-Kunsill kien irċieva għal din l-inizjattiva lill-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li peress li l-Kunsill ma setax jagħmel użu mis-sala tal-iskola bħal snin preċidenti għaliex kienet ser tibda tintuża mit-tfal tal-iskola ta' Ħal Għaxaq, l-Kunsill japplika sabiex ikun jista' jarma tinda kbira biex inkunu nistgħu norganizzaw:

- Kunċert tal-Milied
- Ikla għall-Anzjani
- Jingħata hamper lil nies vulnerabbli u *housebound*.

8.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.3.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus staqsa jekk kinitx tkissret il-pompa f'Misrah San Ġużepp. Is-Sindku kkonferma li nkissret. Il-Kunsill iddiskuta xi ħsarat kellha u kif l-aħjar tissewwa.

8.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li s-Soft Area li hemm fejn iċ-ċimiterju kellha bżonn trimjatura għaliex il-*hedges* kienu gguffaw ħafna. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jqabbad lil kuntrattur. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn kien hemm bżonn tisqija u ż-żamma tas-soft areas.

8.3.3 Il-Kunsillier s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-mawra għal Sqallija wisq probabbli l-Kunsill kellu jmexxiha għaliex il-lukandi kienet qed issibhom wisq għoljin fil-prezz pero'. U għarrfet lill-Kunsill li kienet ser iżżommhom infurmati b'din l-attivita'.

8.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa lill-Kunsilliera Joanna Abdilla jekk kienx sar xi kuntatt fir-rigward l-attivitajiet li kellhom isiru għal nies bil-kundizzjoni tad-dimensja f'Ħal Safi. Il-Kunsilliera qalet li l-aħjar li nħallu din l-attivita' għal bidu t'Ottubru.

8.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-Kunsill ħafna drabi ddiskuta l-problemi tat-tisqija tas-Soft Areas. Huwa qal li meta l-Kunsill kellu l-attivita' ta' Qamar il-Għasel kien tkellem mar-rappreżentanti minn Parks Malta li qalulu li Parks Malta jgħinu wkoll fit-tisqija ta' xi soft areas u għalhekk il-Kunsill tajjeb li jiċċekja nistgħux nilħqu xi forma ta' ftehim magħhom. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niċċekjaw.

8.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li x-xatba tal-bandli kienet ġiet sabiħa ħafna pero' jaħseb li kienet ġiet tqila wisq u għalhekk issuġerixxa li ssir rota biex tgħin biex tinfetaħ u tingħalaq ix-xatba. Is-Sindku qal li naraw mal-kuntrattur li kienu għamlu x-xtabi.

8.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li barra li l-Funtana tal-bandli xi nies irresponsabbli kienu tefgħu bħal flixken tal-plastic u affarijiet oħra, il-funtana nfisha ma kinitx qed taħdem. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kien qallu li l-funtana kienet qed titlef l-ilma u kien tkellem mal-ħaddiema tal-Kunsill biex nirranġawha.

8.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li minħabba l-proġett ta' Slow Streets l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali kienu qed jissuġerixxu li l-Kunsill tagħna jkun wieħed mill-ewwel kunsilli li nvaraw dan il-proġett peress li l-istudju tagħna kien komplut. Huwa qal li dan il-proġett kien ser isir b'sinjali ta' żebgħa mal-art li ikun faċli li treġġa' lura jekk biż-żmien jinħass li ħolqu nkonvinjent. Il-Kunsill iddiskuta dan il-proġett fosthom il-bike lanes.

8.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li minħabba l-proġett tal-pjazza l-Kunsill kien iddiskuta l-problema tal-planċier. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nistennew il-festa sabiex l-perit inkarigat għall-proġett tal-pjazza jkun jista' jiġi fuq il-post u jara l-planċier armat għal festa u b'hekk inkunu f'pożizzjoni aħjar biex naraw x'inhi l-aħjar soluzzjoni u nikkordinaw flimkien mal-Każin.

8.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-Kunsill kien tkellem rigward il-bankina fi Triq l-Iskola u tajjeb li l-Kunsill jara x'inhi l-aħjar soluzzjoni. Is-Sindku kkonferma li l-persuna li quddiemha kienet ġejja l-bankina kien tkellem mal-ġirien u ma kinux sabu oġġezzjoni li ssir il-bankina. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjoni minn naħa ta' Transport Malta għalhekk kienu qed isiru x-xogħolijiet. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandha ssir indikazzjoni li saret il-bankina sabiex ma tkunx ta' periklu la għal min ikun miexi fuq il-bankina u lanqas għas-sewwieqa.

8.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien ġab avviż li għandna ħafna sigar 'il barra. Il-Kunsillier qal li dawn is-siġar huma fl-area tal-Ħlantun. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nibagħtu lill-Kuntrattur jiżborhom u f'post partikolari l-Viċi Sindku ssuġġerixxa li minħabba li s-siġar mimlijin frott is-Sindku jitkellem ma' sidhom biex ma jkunx hemm diżgwid wara.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ġie skużat mil-laqgħa 20.52

8.4 Rapporti

Approvazzjoni tal-First Quarterly Financial Report 2022. (Jannar – Marzu 2022)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ewwel Quarterly Financial Statements Q1 (Jannar – Marzu 2022. Dan ġie approvat sabiex jiġi applowdjat.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien preżenti għal laqgħa 20.56

8.5 Festa

Is-Sindku qal li xtaq jagħti d-dettalji kollha għal żmien il-festa. Huwa spjega li l-pjazza kienet ser tingħalaq għat-traffiku mit-18 ta' Awwissu sabiex ikunu jistgħu jarmaw il-pjanċier. Huwa spjega li minħabba li minn din is-sena sabiex jintrema n-nar tal-art kienet ser tingħalaq Triq il-Kuċċard ukoll, il-Kunsill għalissa ma kienx deċiż kif kienu ser jiġu ddevjati l-karozzi tal-linja minħabba li Triq Barcellona ma kellniex konferma li ser ikun hemm imqar karreġġjata waħda miftuħa.

Is-Sindku qal ukoll li bħal snin oħra l-Kunsill kien ser jaħseb sabiex ikollna l-wardens nhar il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd filgħaxija sabiex ma jgħaddux karozzi minn Triq l-Iskola, iġib il-Mobile Toilets fil-pjazza u bins on wheels fil-pjazza biex in-nies ikollhom fejn jitfgħu l-iskart.

Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kien ser jaħseb sabiex jitwaħħlu tmien floodlights fi Triq il-Kuċċard u sitta oħra fil-pjazza.

Is-Sindku spjega ukoll li nhar il-Ħadd tal-festa wara l-marċ il-Kunsill kien ser jgħid lill-Kuntrattur sabiex jiknes Triq il-Kuċċard u l-pjazza filwaqt li nitolbu l-għajnuna tal-kennies ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien approva li jitnaddfu l-balavostri tal-pjazza iżda dawn qatt ma kienu saru. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nerġgħu nitolbu kwotazzjoni ġdida sabiex ikunu jistgħu jitnaddfu qabel il-festa ukoll.

8.6 Evalwazzjoni Kuntratt tal-Knis

Is-Sindku qal li l-bord tal-evalwazzjoni kien iltaqa' sabiex isir l-evalwazzjoni tal-kuntratt tal-knis. Huwa spjega li kienu ntefgħu tlett offerti u li l-orħos offerta ma kienx teknikament complaint għaliex ma kienx tefa' d-dokumenti kollha. Is-Sindku spjega li l-bord kien

iddiskuta l-offerti l-oħra u qablu li peress li huma ogħla mill-budget eseġerati għandna nerġgħu nwaqqgħu t-tender. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nerġgħu noħorġu offerta oħra forsi din id-darba jkun hemm kuntrattur *compliant* biex jieħu l-kuntratt.

8.7 Magazin – Awwissu 2022

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsilliera li ż-żmien sabiex jibagħtu l-artiklu għall-Magazin ta' Awwissu kien kritiku għaliex min kien ser jipprintja l-fuljett issa kien ser joħorġu bix-*shut down* u mbagħad ma nlaħħqux li jitqassam sal-festa.

8.8 Korrispondenza

Il-Kunsill iddiskutew xi punti mill-korrispondenza

8.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

8.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Laqgħa ntemmet fis-9.15pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 17 ta' Awwissu, 2022 fil-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv